MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2005

Numru 475/1998

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anzjan Anthony Cassar)**

**Vs**

**Renald Rotin ta' 25 sena, iben Mario u Salvina nee` Agius, imwieled Tal-Pieta` fit-3 t' April, 1980 u joqghod fl-indirizz nru. 110, 'Kerrejja', Triq il-Marlogg, Haz-Zabbar, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 225780(M).**

**<u>Illum 4 ta' Novembru, 2005</u>**

Il-Qorti.

Rat l-akkuzi migjuba kontra Renald Rotin u cioe` talli minn Triq il-Qaliet Marsaskala nhar il-Hamis 21 t'April, 2005 ghall-habta ta' xi sitta w nofs ta' filghaxija, minn Triq Agius Muscat, Haz-Zabbar fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 t'April, 2005, minn Triq ic-Cawsli, Haz-Zabbar fil-lejl ta' bejn id-29

u t-30 t'April, 2005 kif ukoll minn diversi nhawi ohra f'Haz-Zabbar, Rahal Gdid, il-Fgura, l-Isla, l-Birgu u Bormla, f'dawn l-ahhar sitt xhur:

1. Ikkommetta serq ta' car stereo tal-ghamla JVC minn go vettura ta' l- ghamla Skoda bin-numru ta' registrazzjoni IAM-352 ghad-dannu tas-sid ta' l-istess vettura u cioe` ta' Emmanuel Micallef minn Haz-Zabbar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitt lira Maltin kif ukoll bil-hin;

2. Ikkommetta serq ta' hames liri Maltin fi flus kontanti kif ukoll car stereo tal-ghamla Clarion minn go vettura ta' l-ghamla Volks Wagon Polo bin-numru ta' registrazzjoni GEO-298 ghad-dannu tas-sid ta' l-istess vettura u cioe` ta' Dr. Fredrick Ellul LL.D., minn Haz-Zabbar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitt lira Maltin kif ukoll bil-hin;

3. Ikkommetta serq ta' car stereo tal-marka Kenwood minn go vettura Opel Astra ta' lewn abjad bin-numru ta' registrazzjoni mhux maghruf, li kienet ipparkjata fil-Fgura ghad-dannu tas-sid taghha, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitt lira Maltin kif ukoll bil-hin;

4. Ikkommetta serq ta' car stereo ta' marka mhux maghrufa minn go vettura tal-marka Skoda ta' lewn ahmar li kienet ipparkjata fl-inhawi tal-Knisja ta' Rahal Gdid ghad-dannu tas-sid taghha, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitt lira Maltin kif ukoll bil-hin;

5. Ikkommetta serq ta' sitt telefons cellulari tal-marka Nokia, Samsung, Alkatel u Sagem minn go diversi vetturi pparkjati fl-inhawi ta' Bormla, il-Birgu u l-Isla ghad-dannu ta' diversi sidien mhux maghrufa, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin kif ukoll bil-hin;

6. Xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentament, b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom;

7. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli meta ghamel diversi hsarat fil-vetturi hawn fuq imsemmija liema ammont ta' hsara teccedi l-hames mitt lira;

11.Talli kiser il-provediment tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet
ta' Malta moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Magistrat Lawrence
Quintano) nhar l-14 ta' Frar, 2005, b'liema sentenza gie misjub hati ta' reat u lliberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tnax il-xahar.

12. talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50, 289 tal-Kodici Kriminali
Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat li hu fi stadju ta' interrogatorju irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat li tressqet l-eccezzjoni tar-rex gudicata u kwantu gie sottomess li Renald Rotin gia gie gudikat ghal akkuzi in dezamina u li ammetta ghalihom.

Rat ghalhekk is-sentenza esebita n prova tal-akkuzi li ghaddew in gudikat, (a fol. 43 sa fol. 50) u qieset li ghalkemm il-perjodu tal-akkuzi huwa vicin pero certament mhux identiku daqstant iehor mhihomx l-istess il-fatti tar-reati mhux addebitati.

Illi dwar l-akkuza ta' ksur tal-provediment 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, hija l-fehma ta' din il-Qorti li tali ksur jkun qed jokkorri kull meta fil-fatt isehh, b'dan pero jigi relevant ukoll li ghalkemm Rotin ammetta anke ghal din l-akkuza s-sentenza moghtija mill-Magistrat Quintano ghalkemm mitluba minn din il-Qorti qatt ma giet debitament esebita.

Rat l-artikoli 261, 263, 269, 270, 278, 279, 280, 281, 338 li pero hija kompriza u nvoluta fir reati ta' serq u 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkonsidrat l-istat tal-Fedina Penali ta' l-akkuzat, qieset anke l-fatt li hu jidher li huwa kkonsmat bil-vizzju mhux biss tat-tehid ta' droga kif gie dikjarat, imma certament anke ta' serq tenut kont tal-vicinita ta' l'akkuzi, qeghda ghalhekk tikkundannah ghal tlett snin prigunerija.

Tirrakkomanda wkoll lid-Direttur tal-Habs li Ronald Rotin jigi moghti l-opportunita illi jaghmel program kontra l-abbuz ta' droga jekk jkun il-kaz.

Il-Qorti wkoll tordna li jittiehed l-arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------